MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' April, 2007

Avviz Numru. 286/2004

Continental Meat Co. Ltd. (C-9515)

v

Vincent Cuschieri Ltd. (C-4162)

Il-Qorti;

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, sitt mija u erbgha u disghin lira , tlieta u ghoxrin centemu maltin(LM3,694.23) rapprezentanti bilanc ta' drittijiet ta' *cold storage* minnha dovuta lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri interpellatorji datati 10 ta' Ottubru 2003 u dik tal-20 ta' Jannar 2004 u bl-imghax kummercjali mil-31 ta' Lulju 2000 data ta' l-ahhar *invoice*, sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-5 ta’ Awissu 2004 fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici.

2. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici mhux dovut.

3. Illi semmai kwalsiasi ammont li kien dovut mis-socjeta konvenuta a favur dik attrici gie saldat f’Otturu 2002.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi nhar id-19 ta’ Jannar 2005 xehed **Ronald Galea**, *Managing Director* tas-socjeta attrici u spjega li s-socjeta attrici tghati facilita ta’ ‘*cold storage’* u toffri dan is-servizz lill-klijenti taghha fosthom lis-socjeta konvenuta, naturalment versu korrispettiv ta’ hlas. Illi s-socjeta konvenuta ghamlet uzu minn din il-facilita ghal zmien twil u meta waslet biex tieqaf, is-socjeta attrici gibdet il-bilanc dovut lilha mis-socjeta konvenuta u cioe is-somma ta’ tlett elef, sitt mija u erbgha u disghin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (LM3,694.23) rappresentanti hlas ta’ kera u ghaddietilha dan il-kont relattiv .

Spjega li wara diversi inkontri li huwa kellu ma Joseph Cuschieri f’Lulju 2002 dan Cuschieri ghan-nom tas-socjeta konvenuta accetta l-ammont dovut u fil-fatt kienu ftiehmu li s-socjeta konvenuta kellha tibda taghmel xi pagamenti akkont. Sar l-ewwel pagament fit-2 ta’ Novembru 2002 u dan fl-ammont ta’ mitejn u hamsin lira maltin (LM250) izda wara din id-data tat-30 ta’ Novembru 2002 is-socjeta konvenuta waqfet milli tkompli taghmel dawn l-istess pagamenti li kienet ftehmet li taghmel, ghalkemm dejjem ippromettiet li ser taghmel pagamenti ohra, liema pagamenti pero baqghet qatt ma affettwat.

Huwa kkonferma li l-bilanc dovut sa dak in-nhar kien ta' tlett elef, sitt mija u erbgha u disghin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (LM3,694.23). Ikkonferma li baghat diversi ittri interpellatorji izda dan kien kollu ghal xejn. Huwa pprezenta dokument RG1 *statement* dettaljat dwar il-hlas li ppretenda li ghandha taghmel is-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici. (fol.11).

In kontro-ezami nhar il-21 ta' April 2005 dan ix-xhud ighid li ma kienx minnu li ftiehem mas-socjeta konvenuta li l-bilanc kellu ikun ta' tlett elef lira maltin (LM3,000) kif kien gie suggerit lilu mill-avukat difensur tas-socjeta konvenuta. Anzi jghid li huwa kien offra lis-socjeta konvenuta li jekk riedet huwa kien f'posizjoni li jissuplixxi l-*istatements* tal-bilanc dovut. Cahad ukoll dak li gie suggerit mis-socjeta konvenuta li huwa kien stqarr li kellhom xi zbalji fl-*istatements* minnhom mibghuta lis-socjeta konvenuta. Qal li kera fissa qatt ma kien hemm ghaliex kollox kien jiddependi fuq l-ammont ta' kaxxi li s-socjeta konvenuta kienet tibghat fil-'*cold room' ghall-storage.*

Fil-21 ta' April 2005 xehed **John Cuschieri** prodott mis-socjeta konvenuta, u kkonferma li s-socjeta attrici kienet tipprovdi s-servizz ta '*storage facilities'* fil-'*cold room'* taghha ghal merkanzija tas-socjeta konvenuta. Qal illi bejnithom ma kienx hemm rata fissa ta' kirja ghaliex il-kirja kienet tinhadem skond in-numri ta' kaxxi li kienu jistorjaw ghand is-socjeta attrici. Qal illi n-numru tal-kaxxi kien ivarja ghaliex kienu johorgu u jdahlu kaxxi fl-*'istores'* ta' kuljum. Ikkonferma ukoll li kien minnu li dan il-ftehim baqa' sejjer bejniethom sas-sena 2002 ghaliex wara din id-data bnew '*storage facilities'* ghalihom stess, u ghalhekk wara dan ma kellhomx aktar bzonn tas-servizzi tas-socjeta attrici.

Qal ukoll illi s-socjeta konvenuta kienet talbet lis-socjeta attrici ghal kull dokumentazzjoni dwar id-dhul u l-hrug tal-merkanzija taghhom u s-socjeta attrici kienet baghtitilhom dawn l-invoices pero huma ma qablux maghhom. Spjega li r-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom ma kienitx biss fir-rigward ta' dan l-istorage u dan ghaliex fil-fatt is-socjeta

konvenuta kienet tissupplixxi lis-socjeta attrici xi merkanzija sabiex tbieghha.

Qal li meta ltaqa' ma Ronald Galea kienu ftehmu li l-bilanc kellu jkun ta' tlett elef lira maltin (LM3,000) ghas-saldu ta' kull pretensjoni li s-socjeta attrici setgha kellha fil-konfront tas-socjeta konvenuta u li qabel ma waslu ghal dan il-ftehim kien tah tlett pagamenti ta' elf lira (LM1,000) 'l wiehed. Fil-fatt ighid li haseb li ma kellux ighati aktar u kien biss fl-ahhar tas-sena 2003 meta ircieva ittra interpellatorja minghand is-socjeta attrici li nduna li is-socjeta attrici kienet ghada qed tippretendi xi hlas minghandu.

In kontro-ezami dan ix-xhud ex admissis ighid:

*"Meta jiena nghid li ftehmna ma jfissirx li ahna wasalna f'xi akkordju espress illi dak kien il-bilanc dovut, izda qed nghid illi fl-ahhar laqgha li kelna jien u s-sur Galea jiena ghedtlu li skond il-kotba jien kelli intih biss LM3,000 u hu ma qallix le, anzi nghid illi jien ghedtlu li jekk oltre dawn it-tlett elef lira li qed intih huwa qed jippretendi li jiena ghandi nhalsu xi haga izjed, huwa kellu jipprovdili d-dokumentazzjoni dettaljata."*

Illi fil-21 ta' April 2005 gie verbalizzat fuq talba tal-kontendenti li s-socjeta attrici kellha tezebixxi l-*invoices* kollha relattivi ghall- kont in kwistjoni sabiex is-socjeta konvenuta tkun tista tiddentifika l-*invoices* partikolari li qeghda tikkontesta. Permezz ta' nota prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar id- 29 ta' April 2005 dak hu proprju li ghamlet is-socjeta attrici billi pprezentat wiehed u erbghin (41) statement li gew markati bhala dokument Z1 sa Z41, oltre numru akbar ta' dokumenti ohra.

Illi fil-25 ta' Mejju 2005 rega' xehed **Ronald Galea** u spjega li dwar il-wiehed u erbghin *statement* li huwa ezebixxa permezz ta' nota huwa kien f'posizjoni li jipprezenta l-ircevuti li s-socjeta konvenuta tat lil kull klijent taghna meta gabret xi merkanzija minghandha. Huwa spjega dawn l-*invoices* relattivi bid-dettalji kollha. Qal ukoll

li kien lest li jelabora fuq kwalsiasi dokument li s-socjeta konvenuta setgha kellha xi kontestazzjoni dwaru.

Sussegwentement nhar it-8 ta' Lulju 2005 is-socjeta attrici ezebiet kopja tal-'*Issue notes'* li gew markati bhala dokumenti SC1 sa dokumenti SC687, kopji ta' *stock cards* dokument SC 688 sa dokument SC730 u kopji ta' ricevuti tal-merkanzija fl-istore li gew markati bhala dokuement SC731 sa dokument SC773.

Illi nhar it-23 ta' Marzu 2007 l-avukati difensuri tal-kontendenti ittrattaw il-kawza quddiem din il-Qorti u talbu li tigi differita ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ikkunsidrat;

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta attrici qed titlob lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef sitt mija u erbgha u disghin lira, tlieta u ghoxrin centezmu maltin (LM3,694.23) rappresentanti bilanc ta' drittijiet ta' *cold storage*. Is-socjeta konvenuta qed tecepixxi li Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici ghaliex l-ammont mhux dovut u jekk kien hemm xi ammont dovut mis-socjeta konvenuta a favur dik attrici dan gie saldat f'Ottubru 2002 .

Issa hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol**.XL1X p11 p 776**). Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol.XXXV11 p1 p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV p 111 p 604; <u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>**, Appell ,28 ta' Jannar 2000).

Naturalment is-socjeta attrici li tallega d-debitu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa jimpera l-principju '*actor non probante reus absolvitur'.*

Kif gie ritenut fis-sentenza mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe** **"***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hi jista jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti."*

Mhemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa fuq is-socjeta attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hi qed tallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet **Manuel zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** u konfermat fis-sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri per Onor. Imh Ph. Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijet **Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace** **'***F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor reus in excipiendo fit actor, ghax jerga jinghad***,** *l-oneru centrali tal-akkuza jiqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li verament id-debitu kien dovut mis-socjeta konvenuta kif qed tippretendi s-socjeta attrici u dan ghaliex fil-fehma taghha rnexxilha tipprova li d-debitu kien dovut fis-somma indikata fl-avviz permezz tan-numru kbir tad-dokumenti minnha ezebiti liema dokumenti QATT ma gew kontestati. Anzi jirrizulta li l-ewwel is-s-socjeta konvenuta riedet is-socjeta attrici tezebihom izda imbaghad wara li dawn gew ezebiti waqfet milli tghamel xi domandi fuqhom.

Illi l-unika difiza li resqet is-socjeta konvenuta in sosten tal-eccezzjoni taghha kien li s-socjetajiet kontendenti kienu waslu fi ftehim li una volta s-socjeta thallas is-somma ta' tlett elef lira imbaghad id-debitu rimanenti jigi

saldat. Illi dan il-fatt gie kontestat bil-qawwa mis-socjeta attrici u anzi tramite x-xhud taghha jirrizulta li s-socjetajiet kontendenti kienu waslu fi ftehim differenti u cioe li s-socjeta konvenuta kellha tghamel pagamenti mensili ta LM250 lis-socjeta konvenuta sakemm thallas id-debitu kollu taghha. Jirrizulta minn dak li qal ix-xhud Ronald Galea, prodott mis-socjeta attrici li s-socjeta konvenuta bdiet taghmel dawn il-pagamenti izda wara li ghamlet l-ewwel pagament regghet waqfet u kien ghalhekk li saret din il-kawza odjerna. Din il-parti tax-xhieda ta' Galea ma giet kontestata minn hadd.

Din il-Qorti, ezaminat ukoll l-atti u d-dokumentazzjoni voluminuzi ta' din il-kawza u a bazi tal-provi prodotti hija tal-ferma konvizzjoni li s-socjeta attrici irnexxielha tissodisfa l-vot tal-ligi u ghalhekk irnexxielha tipprova li s-socjeta konvenuta hija debitrici taghha fis-somma indikata fl-avviz'. Kien jispetta lis-socjeta konvenuta in linea mal-eccezzjonijiet li pprezentat li tiehu l-linja tad-difiza u cioe li tressaq prova sodisfacenti dimostrattiva tal-fondament tal-eccezzjonijiet hekk sollevati minnha biex tikkontrasta l-pretiza tal-avversarju haga li fl-ebda hin ma ghamlet.

GHALDAQSTANT il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta qieghda tilqa' it-talba attrici billi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tlett elef sitt mija u erbgha u disghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM3,694.23) kif mitlub bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' meta kien dovut l-imghax relattiv.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------